TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 163/22/F

**Valerie Gatt**

**vs**

**J.J. Scerri Co. Ltd. – Centro Casalinga**

Illum, 11 ta' Settembru, 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba pprezentat mir-Rikorrenti nhar l-1 ta' Novembru 2022 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra r-Risposta ipprezentata mill-azjenda intimata fit-28 ta' Novembru 2022;

Sema' x-xhieda bil-ġurament tar-Rikorrenti Valerie Gatt kif ukoll ta' Michael Scerri għall-azjenda intimata waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu 2023;

Ra d-dokumenti eżebiti;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-Partijiet;

Ra li t-talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-Talba tagħha, ir-Rikorrenti qed titlob li tiġi rifużа s-somma ta' **mitejn u disa u disgħin Euro (€299.00)** mill-azjenda intimata rappreżentanti l-valur ta' *fridge freezer* allegatament difettuża li hija xtrat mingħand l-azjenda intimata fil-11 ta' Lulju 2022.

Illi mill-banda l-oħra, fir-Risposta tagħha l-azjenda intimata tiddefendi l-pożizzjoni tagħha a bażi tal-fatt li minn diversi spezzjonijiet li saru fuq il-*fridge freezer* in kwistjoni fir-residenza tar-Rikorrenu, dejjem instab li kienet qed taħdem entro parametri normali.

Illi fix-xhieda tagħha, ir-Rikorrenti tispjega li hija ma tafdax il-*fridge freezer* in kwistjoni u għalhekk toqgħod attenta x'affarijiet tħalli fiha. Naqset milli telabora madankollu jekk qattx

tħassar ikel minn ġo fiha. Tikkonferma li madankollu li hija dejjem baqgħet tuża l-*fridge freezer*.

Illi fix-xhieda tiegħu, Michael Scerri in rappreżentanza tal-azjenda intimata ikkonferma li fil-fatt kienu saru tlett *service calls* fir-rigward tal-*fridge freezer* in kwistjoni fir-residenza tar-Rikorrenti sabiex jiġi ndirizzat l-ilment tagħha. Ippreżenta sensiela ta' ritratti u *readings* li ttieħdu f'kull spezzjoni. Bħala fatt juru li l- *fridge* kienet teq topera temparatura ta' 2.7 u 2.2 °C bil-bieba magħluqa u 3.6°C bil-bieba miftuħa. Il- *freezer* bdiet topera temperatura ta'-18°C. Minn riċerka bażika li għamel it-Tribunal onlajn[1], jirriżulta li verament dawn huwa parametri normali ta' operazzjoni għall-apparat in kwistjoni.

Illi wara li qies sewwa l-provi kollha prodotti, inkluż il-verżjonijiet rispettivi mogħtija mill-partijiet u l-fatt li r-Rikorrenti tista' tgħid ma ġabet l-ebda provi oġġettivi in sostenn tal-ilment tagħha, it-Tribunal huwa tal-fehma konsiderata li l-ispjegazzjoni mogħtija mill-azjenda intimata hija l-aktar waħda attendibbli bejn it-tnejn fuq bażi ta' probabbilità. Irriżulta ukoll mill-provi, inkluż ix-xhieda tar-Rikorrenti, li kkonfermat li hija baqgħet tuża l- *fridge freezer* in kwistjoni.

Għalhekk it-talba tar-Rikorrenti qed tiġi miċħuda.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jiċħadha.**

**Kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***

[1] https://www.currys.co.uk/techtalk/kitchen-and-home/refrigeration-news/what-temperature-should-your-fridge-be.html#:~:text=The%20ideal%20fridge%20temperature%20is,to%20any%20changes%20you%20make.